



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 23.3.2011
KUMM(2011) 138 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**It-tieni rapport dwar id-Donazzjoni Volontarja u Mingħajr Ħlas ta' Demm u ta'
Komponenti tad-Demm**

WERREJ

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR- REĠJUNI It-tieni rapport dwar id-Donazzjoni Volontarja u Mingħajr Ħlas ta' Demm u ta' Komponenti tad-Demm.....		1
1.	Introduzzjoni	3
2.	Riżultati	4
2.1.	Dispożizzjonijiet, linji gwida u linji politiċi leġiżlattivi	4
2.1.1.	Donaturi ta' sostituzzjoni.....	5
2.1.2.	Donazzjoni ta' demm bejn il-fruntieri	5
2.2.	Inċentivi.....	5
2.2.1.	Inċentivi għad-donaturi ta' demm sħiħ.....	5
2.2.2.	Inċentivi għad-donaturi tal-aferesi	6
2.3.	Promozzjoni	7
2.4.	Il-ġbir u l-forniment	8
2.4.1.	Il-Ġbir.....	8
2.4.2.	Il-frazzjonament tal-plażma	9
2.4.3.	Il-provvista tad-demm u tal-komponenti tad-demm	9
2.4.4.	L-użu kliniku.....	10
2.4.5.	L-awtosuffiċjenza.....	10
3.	Taqsis u rimarki konklużivi.....	11

1. INTRODUZZJONI

Il-prinċipji li jirregolaw id-donazzjoni volontarja u mingħajr ħlas ta' demm u ta' komponenti tad-demmm huma stabbiliti fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2002/98/KE¹. Din tisqarr li *l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinkoraġġixxu donazzjonijiet tad-demmm volontarji u mhux imħallsa bil-ħsieb li jiġi żgurat li demm u komponenti tad-demmm huma safejn u sakemm ikun possibbli pprovduti minn donazzjonijiet bħal dawn*

Id-donaturi jistgħu jagħtu demm sħiħ jew xi ftit komponenti tiegħu biss, eżempju plażma. Matul id-donazzjonijiet ta' komponenti tad-demmm, il-komponenti meħtieġa jiġu sseparati mid-demmm u l-bqija jintbagħtu lura lid-donaturi bl-hekk imsejjaħ proċess aferesi. Donazzjonijiet ta' asferesi bħal dawn jieħdu aktar fit-tul iżda jistgħu jiġu organizzati aktar ta' spiss. Filwaqt li l-plażma tista' tiġi sseparata minn demm sħiħ wara d-donazzjoni, jista' jinkiseb ammont kbir ta' plażma permezz ta' aferesi (plażmaferesi).

Id-demmm u l-komponenti tad-demmm mingħand id-donaturi huma sisien essenzjali għat-terapiji, jew bħala trasfużjonijiet diretti pereżempju waqt operazzjoni, jew bħala materjal ta' bidu għall-prodotti mediċinali li ġejjin mill-plażma, eż biex wieħed jittratta l-pazjenti li għandhom l-emofilja minħabba n-nuqqas tal-fattur VIII.

Skont l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom iressqu rapporti lill-Kummissjoni kull tliet snin dwar il-prattika tad-donazzjoni ta' demm volontarja u mingħajr ħlas. L-ewwel rapport dwar il-promozzjoni tad-donazzjonijiet ta' demm volontarji u mingħajr ħlas mill-Istati Membri ġie ppubblikat fl-2006².

Dan ir-rapport tal-Kummissjoni huwa msejjes fuq ir-rispons tal-Istati Membri għal mudell ta' rapport dwar id-donazzjoni volontarja u mingħajr ħlas ta' demm u ta' komponenti tad-demmm, li ntbagħat lill-Awtoritajiet Kompetenti tad-demmm u l-komponenti tad-demmm matul ir-rebbiegħa 2010. L-Istati Membri kollha ressqu rapport lill-Kummissjoni. Barra dan, il-Kroazja u n-Norveġja wkoll ressqu rapport (b'kollox total ta' 29 pajjiżi li rrapportaw). Is-sejbiet ewlenin ta' dan ir-rapport tressqu quddiem l-Awtoritajiet Kompetenti tad-demmm u l-komponenti tad-demmm³.

L-għan ta' dan it-tieni rapport hu li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-prattika tad-donazzjoni volontarja u mingħajr ħlas ta' demm u ta' komponenti tad-demmm fl-UE, waqt li jiffoka fuq (1) id-dispożizzjonijiet/il-linji gwida u l-linji politiċi leġiżlattivi, (2) l-inċentivi. (3) il-promozzjoni, u (4) il-ġbir u l-forniment. Madankollu, għandha

¹ Id-Direttiva 2002/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi livelli stabbiliti ta' kwalità u sigurtà għall-ġbir, l-ittestjar, l-ipproċessar, il-ħażna u t-tqassim ta' demm tal-bniedem u komponenti tad-demmm u li temenda d-Direttiva 2001/83/KE.

² COM(2006)217 finali, Rapport dwar il-promozzjoni ta' donazzjonijiet ta' demm volontarji u mingħajr ħlas mill-Istati Membri.

³ http://ec.europa.eu/health/blood_tissues_organs/docs/blood_mi_20101027_en.pdf.

tinġibed l-attenzjoni li għalkemm dan ir-rapport imiss oqsma relatati mal-farmaċewtiċi, il-punt fokali tiegħu huwa d-demm u l-komponenti tad-demmm⁴.

2. RIŻULTATI

2.1. Dispożizzjonijiet, linji gwida u linji politiċi leġiżlattivi

Il-pajjiżi kollha ħliet wieħed li rrapportaw għandhom xi forma ta' dispożizzjonijiet (li jorbtu jew li ma jorbtux) li jirregolaw il-prinċipju tad-donazzjoni volontarja jew mingħajr ħliet ta' demm u ta' komponenti tad-demmm (Dijagramma I).

Dijagramma I



Kif jidher fid-dijagramma I, 24 pajjiż għandhom regoli li jorbtu dwar id-donazzjoni ta' demm volontarja u mingħajr ħliet, stipulati fir-regolamenti nazzjonali (l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, l-Isvezja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, Spanja, in-Norveġja u l-Kroazja). L-Ungerija u r-Renju Unit għandhom sistema doppja b'regoli li jorbtu stipulati mir-regolamenti u r-regoli nazzjonali stabbiliti mis-settur (awto-regolatorju), u f'Malta, ir-regoli li jorbtu rigward id-donazzjoni volontarja u mingħajr ħliet huma stipulati mis-settur (awto-regolatorju). Ir-Repubblika Ċeka għandha dikjarazzjoni li ma torbotx fil-liġi tagħha nazzjonali (f'konformità mad-Direttiva 2002/98/KE), filwaqt li l-Irlanda ma għandhiex dispożizzjonijiet jew linji gwida leġiżlattivi li jirregolaw il-prinċipju tad-donazzjoni volontarja u mingħajr ħliet ta' demm u ta' komponenti tad-demmm.

⁴ Id-Direttiva 2002/98/KE tiddefinixxi d-demmm bħala "demmm sħiħ miġbur minn donatur u pproċessat jew għat-trasfużjoni jew għal aktar fabbrikazzjoni" u l-komponenti tad-demmm bħala "kostitwent terapewtiku tad-demmm (ċelloli ħomor, ċelloli bojod, platelets, plasma) li jista' jiġi mħejji permezz ta' metodi varji".

Dawn id-dispożizzjonijiet u linji gwida legali jidhru li baqgħu relattivament stabbli matul iż-żmien. Mill-2006 'l hawn, meta ħareġ l-Ewwel Rapport mill-Kummissjoni dwar il-promozzjoni mill-Istati Membri ta' donazzjonijiet ta' demm volontarji u mingħajr ħlas, ir-Repubblika Ċeka, il-Kroazja u l-Isvezja biddlu d-dispożizzjonijiet tagħhom fir-rigward ta' dan il-qasam. Madankollu, żewġ pajjiżi (l-Estonja u r-Repubblika Ċeka) stqarrew li qed jippjanaw li jbiddu d-dispożizzjonijiet jew il-linji gwida legali eżistenti tagħhom.

L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Italja, l-Isvezja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Renju Unit, Spanja u l-Kroazja ddefinixxew pieni għall-ksur tad-dispożizzjonijiet legali dwar id-donazzjoni volontarja u mingħajr ħlas ta' demm u ta' komponenti tad-demm. L-ebda minn dawn il-pajjiżi ma imponew pieni bħal dawn.

2.1.1. Donaturi ta' sostituzzjoni

Donatur ta' sostituzzjoni tad-demm jista' jiġi deskritt bħala persuna li jagħti unità ta' sostituzzjoni tad-demm fil-każ biss meta membru tal-familja jew ħabib ikun jeħtieġ trasfużjoni.

Sitt Stati Membri biss għandhom linji politiċi speċifiċi li jikkonċernaw il-prattika ta' donaturi ta' sostituzzjoni (Franza, l-Isvezja, ir-Renju Unit, ir-Repubblika Ċeka, Spanja, u l-Ungerija). F'dawn il-pajjiżi, il-prattika ta' donaturi ta' sostituzzjoni hija ġeneralment skoraġġuta.

2.1.2. Donazzjoni ta' demm bejn il-fruntieri

F'ċerti partijiet tal-UE, donnu jidher li teżisti Prattika ta' individwi li jagħtu d-demm u l-komponenti tad-demm barra l-pajjiż tagħhom ta' residenza, eż. fi Stat Membru ieħor.

Sitt pajjiżi (l-Estonja, l-Isvezja, il-Lussemburgu, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka u n-Norveġja) irrappurtaw li għandhom xi forma ta' politika jew linji gwida li jikkonċernaw il-prattika ta' donazzjoni ta' demm bejn il-fruntieri.


2.2. Inċentivi

Il-Belġju, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, ir-Renju Unit, ir-Rumanija, Spanja, u s-Slovakkja kif ukoll in-Norveġja u l-Kroazja (18-il pajjiż) rrappurtaw xi forma ta' prinċipji ta' gwida dwar il-possibbiltà li jingħataw inċentivi lid-donaturi tad-demm u tal-komponenti tad-demm.

2.2.1. Inċentivi għad-donaturi ta' demm sħiħ

Il-pajjiżi li ġejjin jipprovdu xi forma ta' inċentivi lid-donaturi ta' demm sħiħ: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Isvezja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, ir-Renju Unit, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, in-Norveġja u l-Korazja (Dijagramma II).

Dijagramma II




Kif jidher mid-dijagramma ta' hawn fuq, l-inċentivi li jintużaw l-aktar f'dawn is-26 pajjiż jinkludu xarbiet, tifkriet żgħar, bħal tazzi u T-shirts, ħin liberu mix-xogħol (fis-settur pubbliku), u r-rimborż tal-ispejjeż tat-trasport.

2.2.2. Inċentivi għad-donaturi tal-aferesi

Rigward l-aferesi (il-plażma, il-platelets...), il-pajjiżi li ġejjin jipprovdut xi tipi ta' inċentivi lid-donaturi: l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Isvezja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, ir-Renju Unit, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja, in-Norveġja u l-Kroazja (Dijagramma III).

Dijagramma III




Id-dijagramma III ta' hawn fuq turi li l-inċentivi li jintużaw l-aktar f'dawn l-24 pajjiż jinkludu xarbiet, tifkriet żgħar, bħal tazzi u T-shirts, ir-rimborż tal-ispejjeż tat-trasport u l-ħin liberu mix-xogħol (fis-settur pubbliku).

Ġeneralment, l-istudju li sar jindika li ma hemm l-ebda differenzi kbar fl-inċentivi għad-donaturi tad-demmi sħiħ u d-donaturi tal-aferesi fl-UE, fin-Norveġja u fil-Kroazja.

Il-valuri ta' dawn l-inċentivi huma ddeterminati mill-gvernijiet u/jew mill-operaturi fil-pajjiżi li rrapportaw. Rigward id-demmi sħiħ, f'10 pajjiżi dan il-valur huwa stabbilit mill-gvernijiet nazzjonali jew lokali, f'10 pajjiżi oħra huwa stabbilit minn operaturi/stabbilimenti tad-demmi, u f'ħames pajjiżi oħra minn taħlita tat-tnejn jew minn entità oħra. B'mod simili, għall-aferesi, il-valur tal-inċentivi huwa definit mill-gvernijiet nazzjonali jew lokali f'10 pajjiżi, f'disa' pajjiżi oħra huwa stabbilit minn operaturi/stabbilimenti tad-demmi jew tal-aferesi, u f'erba' pajjiżi oħra minn taħlita tat-tnejn jew minn entità oħra. L-Irlanda ma ressqet l-ebda dejta dwar dan il-punt.

2.3. Promozzjoni

Il-pajjiżi li għejjin ħadu xi forma ta' miżuri biex jippromwovu d-donazzjoni tad-demmi volontarja u mingħajr ħlas: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Isvezja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Renju Unit, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Ungerija, in-Norveġja u l-Kroazja.



Kif jidher mid-dijagramma ta' hawn fuq, il-miżuri l-aktar komuni li jintużaw għall-promozzjoni tad-donazzjoni tad-demm volontarja u mingħajr ħlas fl-UE, fil-Kroazja u fin-Norveġja huma avvenimenti li jiffokaw fuq id-donazzjoni, it-tkattir tal-għarfien u l-kampanji ta' informazzjoni. B'mod aktar speċifiku, il-miżuri elenkati jinkludu: (1) ir-reklamar pubbliku, (2) telefonati personali, posta elettronika, ittri u messaġġi fuq il-mowbajl lid-donaturi, (3) kunċerti u spetakli oħra, (4) avvenimenti tal-midja, (5) kampanji u avvenimenti soċjali oħra (nazzjonali, reġjonali u lokali) eż. fil-Jum Dinji tad-Donaturi, (6) informazzjoni u kampanji onlajn, kotba żgħar u fuljetti, (7) seminars u lezzjonijiet fl-iskejjel, fl-universitajiet u fil-knejjes, (8) żjajjar għall-istudenti fi stabbilimenti tad-demm, u (9) miżuri oħra f'kooperazzjoni mal-istabbilimenti tad-demm, ma' assoċjazzjonijiet u ma' organizzazzjonijiet oħra.

21 mill-pajjiżi li rrapportaw iddefenixxew gruppi ta' mira għall-attivitajiet tagħhom ta' promozzjoni. Il-gruppi ewlenin ta' mira identifikati huma ż-żgħażaġh, l-istudenti, il-persunal tal-korp militari u d-donaturi li jagħtu d-demm għall-ewwel darba.

2.4. Il-ġbir u l-forniment

2.4.1. Il-Ġbir

Il-kollekturi/fornituri tad-demm sħiħ u l-plażma huma fil-biċċa l-kbira tagħhom pubbliċi fid-29 pajjiż li qed jieħdu sehem f'dan l-istħarriġ.

25 pajjiż jirrapportaw li l-kollekturi/fornituri ewlenin għad-demm sħiħ huma pubbliċi jew mingħajr skop ta' qligħ, filwaqt li pajjiż wieħed għandu fornituri/kollekturi privati u tliet pajjiżi oħra għandhom taħlita ta' kollekturi/fornituri pubbliċi-privati u/jew fornituri u kollekturi oħra. Il-pajjiżi li ġejjin irrapportaw li għandhom kollekturi/fornituri pubbliċi jew mingħajr skop ta' qligħ: il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Isvezja, il-Latvja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Renju Unit, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Ungerija, in-Norveġja u l-Kroazja. Flimkien ma' dawn, l-Awstrija tirrapporta li għandha

fornituri/kollekturi privati waqt li l-Finlandja, il-Ġermanja u l-Litwanja għandhom taħlita ta' kollekturi/fornituri pubbliċi-privati u/jew kollekturi/fornituri oħra.

Bl-istess mod għall-plażma, 23 pajjiż għandhom kollekturi/fornituri pubbliċi jew mingħajr skop ta' qligħ, waqt li sitt Stati Membri oħra għandhom kollekturi/fornituri privati jew taħlita ta' kollekturi/fornituri oħra. Il-pajjiżi li ġejjin jirrapportaw li għandhom kollekturi/fornituri pubbliċi jew mingħajr skop ta' qligħ: il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Isvezja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Renju Unit, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Ungerija, in-Norveġja u l-Kroazja. Flimkien ma' dawn, l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja u l-Litwanja għandhom kollekturi/fornituri privati jew taħlita ta' kollekturi/fornituri pubbliċi-privati u/jew kollekturi/fornituri oħra.

Barra minn hekk, il-parteciċipanti f'dan l-istudju ġew mistoqsija jekk jipprovdux inċentivi finanzjarji jew inċentivi oħra għall-ġbir ta' demm u ta' komponenti ta' demm, eż. għall-istabbiliment tad-demm, għall-isptarijiet u l-persunal tal-kura tas-saħħa. Madwar 10 % tal-pajjiżi jirrapportaw li jagħtu xi forma ta' inċentivi lill-kollekturi/fornituri tad-demm u tal-komponenti tad-demm.

2.4.2. *Il-frazzjonament tal-plażma*


Il-frazzjonament tal-plażma jirreferi għall-proċessi ta' separazzjoni tal-frazzjonijiet varji mill-plażma tad-demm. Dan jinkludi stadji ta' manifattura li huma suġġetti għal-leġiżlazzjoni farmaċewtika u jirriżulta fi prodotti mediċinali li jiġu mill-plażma.

Mid-29 pajjiż li rrapportaw, madwar nofshom għandhom il-kapaċità (l-impjanti farmaċewtiċi) għall-frazzjonament tal-plażma bħal dan (l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Franza, il-Ġermanja, l-Isvezja, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, ir-Renju Unit, is-Slovakkja, Spanja, l-Ungerija u l-Kroazja). F'dawn il-pajjiżi, madwar 71 % tal-atturi huma privati u d-29 % li jibqa' huma pubbliċi.

2.4.3. *Il-provvista tad-demm u tal-komponenti tad-demm*

Fl-istudju li twettaq, il-pajjiżi li hađu sehem ġew mistoqsija jekk qatt esperjenzawx in-nuqqas regolari ta' demm u ta' komponenti tad-demm, u b'mod partikolari fir-rigward ta' demm sħiħ, ta' plażma friska ffriżata (għat-trasfużjoni), ta' ċelloli ħomor tad-demm, ta' ċelloli bojod tad-demm, ta' platelets, u tal-frazzjonijiet tal-plażma, bħalma huma l-immunoglobulina, il-fattur VIII, il-fattur IX, l-albumina, il-lipoproteina, il-fibrinogen u l-antitrombina III (Dijagramma V).

Dijagramma V



Skont din id-dijagramma, jidher li xi ftit pajjiżi esperjenzaw nuqqas regolari ta' demm u ta' komponenti tad-demmm, minn medda ta' madwar 14 % (għad-demmm sħiħ) sa 0 % għaċ-ċelloli bojod tad-demmm.

2.4.4. L-użu kliniku

Madwar 75 % tal-pajjiżi li rrispondew għandhom linji politiċi stabbiliti biex iżommu jew jiggarrantixxu l-użu kliniku effettiv tad-demmm u tal-komponenti tad-demmm (l-Awstrija, l-Belġju, il-Bugarija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, l-Isvezja, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Renju Unit, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, Spanja, l-Ungerija u n-Norveġja).

2.4.5. L-awtosuffiċjenza

Il-pajjiżi li ġejjin għandhom linji politiċi stabbiliti biex jipprovaw jippromwovu l-awtosuffiċjenza tad-demmm u tal-komponenti tad-demmm: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, l-Isvezja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja, l-Ungerija, in-Norveġja u l-Kroazja. Dawn il-linji politiċi jidhru li baqgħu ftit jew wisq stabbli maż-żmien. Mill-2006, Franza, il-Litwanja u l-Polonja biddlu l-politika tagħhom f'dan il-qasam. Madankollu, tliet pajjiżi (Franza, il-Greċja u l-Irlanda) jistqarru li qed jippjanaw li jbiddu l-linji politiċi eżistenti tagħhom.

Għalkemm 22 pajjiż għandhom linji politiċi nazzjonali għall-awtosuffiċjenza tad-demmm u tal-komponenti tad-demmm, 13 biss minnhom jidhru li fil-fatt iddefinixxew il-kunċett ta' awtosuffiċjenza (l-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, Franza, l-Isvezja, l-Italja, Malta, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, Spanja, l-Ungerija u l-Kroazja).

Barra dan, Franza, il-Greċja, il-Lussemburgu, Malta, is-Slovakkja u n-Norveġja jirrapportaw li għandhom ftehimiet/strutturi ta' kollaborazzjoni bilaterali jew forom

oħra ta' dawn biex jiżguraw forniment xieraq tad-demm u tal-komponenti tad-demm flivell nazzjonali.

3. TAQSIRA U RIMARKI KONKLUŻIVI

Dan ir-rapport juri li l-Istati Membri ġeneralment jikkonformaw mal-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2002/98/KE, li jitlob li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinkoraġġixxu d-donazzjonijiet ta' demm volontarji u mingħajr ħlas bl-għan li jkun żgurat li d-demm u l-komponenti tad-demm ikunu kemm jista' jkun possibbli provduti minn donazzjonijiet bħal dawn.

Dan ir-rapport, li huwa fil-biċċa l-kbira konformi mas-sejbiet tal-ewwel rapport dwar donazzjonijiet tad-demm volontarji u mingħajr ħlas (maħruġ fl-2006), juri li d-dispożizzjonijiet u l-linji gwida leġislattivi dwar id-donazzjoni tad-demm volontarja u mingħajr ħlas huma stabbiliti sew madwar l-UE. Kollha għajr pajjiż wieħed mid-29 pajjiż li rrapportaw għandhom dispożizzjonijiet bħal dawn stabbiliti.

Il-parti l-kbira tal-pajjiżi li rrapportaw għandhom xi forma ta' strutturi ta' inċentiva għad-donaturi tad-demm, bħal xarbiel, tifikiriet żgħar u rimborż tal-ispejjeż tat-trasport. Bosta pajjiżi joffru wkoll ħin liberu mix-xogħol lid-donaturi tad-demm impjegati fis-settur pubbliku. L-istudju jindika li ma hemmx differenzi prinċipali fl-inċentivi għad-donaturi tad-demm sħiħ u għad-donaturi tal-aferesi (plażma, platelets...).

27 minn 29 pajjiż li rrapportaw ħadu xi forma ta' miżuri biex jippromwovu d-donazzjoni tad-demm volontarja u mingħajr ħlas, bħat-tkattir tal-għarfien u kampanji ta' informazzjoni.

Rigward il-ġbir u l-forniment tad-demm u tal-komponenti tad-demm, ir-rapport juri li l-kollekturi/fornituri tad-demm sħiħ u tal-plażma huma fil-biċċa l-kbira tagħhom pubbliċi fl-UE, fin-Norveġja u fil-Kroazja. Madwar nofs il-pajjiżi li rrapportaw għandhom il-kapaċità għall-frazzjonament tal-plażma. F'dawn il-pajjiżi, l-atturi fil-qasam tal-frazzjonament tal-plażma huma prinċipalment privati (71 %). Rigward il-forniment, l-Awtoritajiet Kompetenti tad-demm u tal-komponenti tad-demm jirrapportaw skarsezzi relattivament limitati ta' demm u tal-komponenti tad-demm, li jibdew minn 14 % (għad-demm sħiħ) sa 0% għaċ-ċelloli bojod tad-demm. Madwar 75 % tal-pajjiżi għandhom linji politiċi stabbiliti biex iżommu jew jiggarrantixxu l-użu kliniku effettiv tad-demm, kif ukoll biex jippromwovu l-awtosuffiċjenza tad-demm u tal-komponenti tad-demm.

Permezz tas-sejbiet ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, se tirrifletti fuq il-ħtieġa potenzjali ta' aktar miżuri, waqt li jitqies li l-mandat tal-Kummissjoni huwa limitat għall-kwalità u għas-sigurtà tad-demm u tal-komponenti tad-demm.